A.L. 114 tal-2011

ORDINANZA DWAR IR-REGOLAMENT TAT-TRAFFIKU (KAP. 65)

Regolamenti tal-2011 li jemendaw ir-Regolamenti dwar is-Sinjali tat-Traffiku u l-Marki tal-Karreġġata

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 54 tal-Ordinanza dwar ir-Regolament tat-Traffiku, il-Ministru għall-Infrastruttura, Trasport u Komunikazzjoni, wara konsultazzjoni mal-Awtorità għat-Trasport f'Malta, għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:-

Titolu.

1. It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu Regolamenti tal-2011 li jemendaw ir-Regolamenti dwar is-Sinjali tat-Traffiku u l-Marki tal-Karreġġata, u dawn għandhom jinqraw u jiftiehmu ħaġa waħda mar-Regolamenti tal-1969 dwar is-Sinjali tat-Traffiku u l-Marki tal-Kareġġata, hawn iżjed 'il quddiem imsejħin "ir-regolamenti prinċipali".

A.L. 94 tal-1969.

Jemenda l-Iskeda li tinsab mar-regolamenti prinċipali.

2. Fis-subparagrafu (ċ) tal-paragrafu B tat-Taqsima III tal-Iskeda li tinsab mar-regolamenti prinċipali –

(a) fit-test Ingliż, minflok il-kelma "*cabs*", kull fejn din tinsab, għandha tidħol il-kelma "karrozzini";

(b) minflok il-partita "*STAND* TAL-KARROZZINI" taħt il-partita (6) għandha tidħol il-partita li ġejja:

"(6)



STAND TA' *MINI CABS* LI JAĦDMU BL-ELETTRIKU"; u

(ċ) minnufih wara l-partita (6) għandha tidħol il-partita ġdida li ġejja:

B 1728

“ (6A)



STAND TAL-KARROZZINI”.